MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1761/1999/1

**John Mary u Maria Sylvana konjugi Gauci**
**vs**
**Nadesha Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-atturi li permezz tieghu ppremettew u talbu hekk:

Illi fid-29 ta April 1999 l-attrici kienet qed isuq il-vettura DAB613 go Kennedy Drive sejra lejn il-Qawra meta l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura FAF957 harget minn triq laterali minghajr ma waqfet fuq is-sinjal tas-Stop u bhekk sar l-incident.

Billi rizulta ta l-incident l-vettura tal-atturi kienet danneggjata estensivament u bhekk sofrew diversi danni ammontanti ghall-elfejn sitt mija u tmienja u sittin lira u sbaghtax –il centezmu (LM2668.17) jew somma verjuri li tillikwida l-Onor Qorti.

Billi dana l-incident sehh minhabba imperizja u nuqqas ta osservanza tar-regolament tal-konvenuta li naqset milli tosserva sinjal ta STOP.

Tghid il-konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandiex

1. Tiddikjarha responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofrew l-esponenti
2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta LM2668.17 jew somma verjuri li tiddeciedi din l-Onor Qorti, okkorrendo bl-opera ta periti nominandi
3. Tikkundannha thallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata illum indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunt ghass-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti mhix responsabbli ghall-incident 'de quo'.
2. Illi f'kull kaz id-danni reklamati huma eccessivi u ezagerati.
3. Illi x-xhud Dave Elden indikat fil-lista tax-xhieda bhala persuna "li ra l-incident" huwa inammissibli stante illi mhux indikat bhala xhud tal-incident fir-rapport tal-pulizija li investigaw il-kaz.
4. Illi l-eccipjenti qieghda minn issa tirriserva d-dritt li tipprocedi gudizzjarjament kontra l-attrici Marija Sylvana Gauci.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat

**Kwadru tal-fatti**
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fid-29 ta' April 1999 ghal habta tad-9.15 am. sehh incident go Triq Kennedy Drive vicin it-triq Pioneer Road li taghti ghal go Bugibba. L-incident sehh meta l-attrici Maria Sylvana Gauci kienet qed issuq il-vettura DAB 613 go Kennedy Drive, gejja minn naha ta' Burmarrad u sejra fid-direzzjoni tal-Qawra, hekk kif qabzet il-linja fejn hemm it-traffic lights sfat involuta f' kollizzjoni mal-vettura FAF 957 misjuqa mill-konvenuta li kienet ghadha kemm harget minn Triq Pioneer Corps biex tikser ghad-direzzjoni tal-Qawra. Bir-rizultat li l-vettura misjuqa mill-attrici soffriet danni indikati minnha fl-att tac-citazzjoni fl-ammont ta' Lm2,668.17.

Illi t-tesi attrici hija fis-sens li ftit mumenti qabel il-habta hija kienet wieqfa qabel it-traffic lights, u meta d-dawl xeghel l-ahdar hija pprosegwiet fid-direzzjoni tal-Qawra. Kien f' dan il-mument li l-konvenuta harget bil-vettura taghha minn Pioneer Corps Road li tigi perpendikulari ghal Kennedy Drive Road u baqghet diehla fil-vettura misjuqa mill-attrici.

Illi minn naha taghha l-konvenuta qed issostni li meta hija harget go Pioneer Corps Road, it-traffic lights tan-naha tat-triq li minnha kienet ghaddejja l-attrici kienu homor stante li l-lights tal-faccata kienu hodor, u meta ma rat lil hadd gej hija harget ghal go l-imsemmija triq biex tmur fid-driezzjoni tal-Belt. Fi kliema: "..jien qbadt u hrigt bil-mod, harist, ma rajt lil hadd u hrigt …. [kif hrigt minn fuq lis-stop sign u qbiztu] imbaghad smajt brake kbir u rajt [lill-attrici]." Il-konvenuta kompliet tghid li hi ma rathiex gejja lill-attrici imma ratha mad-daqqa – "smajt il-brake u hbatna" [Fols.109 u 113].

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel lok ghandu jigi precisat li huwa manifest li t-triq minn fejn kienet ghaddejja l-attrici u cioe' Kennedy Drive hija triq principali, filwaqt li dik li minnha harget il-konvenuta hija triq sekondarja. Ghalhekk meta l-konvenuta harget minn Pioneer Corps Road hija harget minn triq sekondarja biex tinserixxi ruhha go triq principali.

Jirrizulta wkoll li fit-tarf tat-triq minn fejn harget il-konvenuta hemm *stop sign*: fattur li jkompli jasserixxi n-natura sekondarja tat-triq Pioneer Corps vis a vis it-triq Kennedy Drive.

*Osservazzjonijiet guridici*
Illi in vena legali huma relevanti l-principji esposti minn din il-Qorti fil-kawza *PA [NC]* ***Alfred Farrugia vs Mary Rose Meli***[1] u cioe li "il-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza u hu fis-sens li: s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jghamel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b' mod diligenzi it-triq principli u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jghamel dan minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu jew xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane[2].. Aktar ma tkun popolari u traffikuza t-triq principali, akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra.

Is-sewwieq tas-side road *"Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m' ghandux jiehu"*[3]. Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaq sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.[4]

Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm *a proper look out*. Dan l-obbligu huwa korollari tal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari

[1] Deciza 29 ta' Ottubru 2003
[2] Prim Awla (NC) ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.
[3] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes*** – Vol.XXXVII.IV.1108
[4] App. Civ. Vol.LXXXII.II.473

ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi mis-sewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. *"Side road user kellu 'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli"*[5]

"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a *reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view* [6]. *"The duty to look implies the duty to see what is in plain view"*[7]

Konformament ma' u b' applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li: jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, "din hi **auto inkolpazzjoni**, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghd attent kif kellu jkun jekk ried izomm *a proper look out*"[8]

*Osservazzjonijiet fattwali*

Illi ghalhekk qabel ma l-konvenuta harget ghal go Pioneer Corps Road hija kellha d-dmir li tesplora t-triq sewwa u ma tohrog qabel ma taccerta ruhha li setghet taghmel il-manuvra ta' inserzjoni ghal go triq principali minghajr riskju u perikolu ghat-traffiku li jinserta jkun ghaddej minn dik it-triq. *Multo magis* meta, bhal fil-kaz prezenti hemm is-sinjal *stop* fit-tarf tat-triq, sinjal li *per se* ghandu jissenjala l-importanza li s-sewwieq juza kawtela kbira qabel ma jaghmel il-manuvra ta' inseriment fit-triq principali tenut

[5] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Joseph Vella*** – 10 ta' Awissu 1963
[6] *Prim Awla* Vol.LXXXII.III.322; u Vol.XLVI.I.112
[7] Gibb ***Trial of Motor Car Accident Cases*** Section 54 – kwotat mill-abbli perit legali.
[8] App.Krim.***Il-Pulzija vs John Laferla*** – 17 ta' Gunju 1961

kont tal-konfigurazzjoni tat-triq u tal-frekwenza tat-traffiku li jghaddi minnha.

Illi mill-provi rrizulta car li l-konvenuta ma esercitatx adegwatament l-obbligu taghha li zzomm *a proper look out* qabel ma ddecidiet li taghmel dik il-manuvra.  Dan il-fatt jirrizulta manifest mill-fatt li hi rat lill-vettura tal-attrici "mal-habta" u dana nonostante li fuq in-naha tal-lemin hija kellha vizwali adegwata biex tara minn certu distanza vetturi gejja minn dik il-parti tat-triq.  Il-fatt li l-konvenuta ma ratx il-vettura tal-attrici qabel il-kollizzjoni jindika jew li l-attrici kienet ghaddejja bi speed qawwi jew li l-konvenuta ma esercitatx diligenza u attenzzjoni bizzejjed qabel ma ddecideit tohrog ghal got-triq principali minn fejn kienet ghaddejja l-attrici.

In propositu l-Qorti tosserva li ma rrizultax mill-provi li l-attrici kienet qed issuq bi speed qawwi, u inoltre, tenut kont tal-konfigurazzjoni tat-triq fl-inhawi, din it-tesi hija inverosimili;  u l-Qorti hija konvinta li l-incident sehh unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni fis-sewqan da parti tal-konvenuta.

Illi l-konvenuta kkontestat il-fatt asserit mill-attrici li meta dina qabzet it-traffic lights id-dawl kien ahdar, u attribwit l-incident ghal dan l-allegat nuqqas da parti tal-attrici. Dwar dan l-aspett tal-kawza hija gusta u relevanti l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza ***Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia***[9] fis-sens li *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f' kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"*

[9] per Imhallef M. Caruana Curran deciza 24 ta' Novembru 1966 – kwotata fil-kawza PA [PS] ***Kmandant tal-Forzi Armatik ta' Malta vs Francis Difesa*** deciza 28 ta' Mejju 2003.

Illi din il-Qorti wara ezami akkurat tal-atti processwali hija propensa li taghti affidament ghat-tesi attrici, u cioe' li dina pprosegwiet fit-triq taghha meta it-traffic lights kienu fuq l-ahdar. Inoltre l-fatt li la fuq l-iskizz tal-pulizija u lanqas fuq ir-ritratti esebiti ma jirrizultaw brakemarks fuq il-karreggjata minn fejn ghaddiet l-attrici, minbarra li jiskredita t-tesi li dina kienet ghaddejja b' velocita' qawwija, jaghti konfort lit-tesi taghha li hekk kif hija saqet meta d-dwal qallbu ghall-ahdar il-konvenuta harget minn got-triq laterali u baqghet diehla go fiha.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li l-kawza prossima u immedjata tal-incident *de quo* kienet unikament in-nuqqas ta' diligenza u attenzjoni, rikjesti mill-ligi u dettati mill-konfigurazzjoni tat-triq, fis-sewqan da parti tal-konvenuta li allura ghandha tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali.

*Danni*
Illi fl-att tac-citazzjoni l-atturi indikaw id-danni kaggjonati fil-vettura DAB 613 konsegwenzjali ghall-incident fl-ammont ta' Lm2,668.17 u, filwaqt li kkonfermaw dan l-ammont fid-dikjarazzjoni taghhom, pprezentaw r-ricevuti kollha in sostenn ta' dawn id-danni. Minn naha l-ohra l-konvenuta filwaqt li eccepiet li d-danni reklamati huma "eccessivi u ezagerati" naqset li ggib provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni, anzi ma resqet ebda prova f' dan ir-rigward u ghalhekk fuq l-istregwa tal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, din l-eccezzjoni mhix sostnuta bil-provi u ghandha titqies bhala nfondata.

In fine jigi osservat li skond il-gurisprudenza meta l-ammont tad-danni jkun indikat fic-citazzjoni jew ikun di facile liquidazione, l-imghax fuq dak dikjarat jew facilment liquidabbli ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, li f' dan il-kaz hi 15 ta' Marzu 2000.[10]

**Decide**

[10] Vide. ***Vol.LXXXIII.II.92***; App.Kum. ***Perit Joseph Barbara vs Louis Naudi*** deciza 5 Marzu 1979; App.Civ. ***Mario Sacco vs Peter F.Scerri*** deciz 31 Jannar 2003; Art.1141[2]

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett tal-eccezzjonijet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident indikat fic-citazzjoni, u ghad-danni konsegwenzjali; tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' elfejn sitt mija tmienja u sittin lira maltin u sbatax il-centezmu [Lm2,668.17], u tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi din is-somma ta' Lm2,668.17, bl-imghax legali mill-15 ta' Marzu 2000; u bl-ispejjez kollha a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------